Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Frar 2021
(OR. en)

6020/21

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0005(NLE)**

UD 39
AELE 14
CH 7

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt UE-Żvizzera stabbilit mill-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2009 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-ispezzjonijiet u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà fir-rigward tal-emenda fil-Kapitolu III u fl-Annessi I u II tal-Ftehim<br>- Adozzjoni |

1. Fit-12 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-Proposta msemmija hawn fuq[1], abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

2. Fin-nuqqas ta' laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali minħabba r-restrizzjonijiet attwali fuq l-ivvjaġġar, fl-1 ta' Frar 2021 id-delegati eżaminaw il-Proposta f'ambjent informali u laħqu qbil dwar it-test kif jinsab fid-dokument ST 5464/21.

3. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista:
   - jikkonferma l-qbil milħuq fil-Grupp ta' Ħidma, u
   - jistieden lill-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokumenti ST 5657/21 u ST 5658/21 (testi riveduti mill-ġuristi-lingwisti) bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.

[1] Dokument ST 5207/21 + ADD1.